Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea

MT
Is-serje L

2025/48

10.1.2025

**DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (UE) 2025/48**

**tat-28 ta' Novembru 2024**

**dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fil-Kunsill ta' Assoċjazzjoni stabbilit mill-Ftehim Ewro-Mediterranju li jistabbilixxi assoċjazzjoni bejn il-Komunitajiet Ewropej u l-Istati Membri tagħhom, mill-parti l-waħda, u l-Istat ta' Iżrael, mill-parti l-oħra, fir-rigward tal-emenda ta' dak il-Ftehim billi jissostitwixxi l-Protokoll 4 dwar id-definizzjoni tal-kunċett ta' "prodotti oriġinarji" u l-metodi ta' kooperazzjoni amministrattiva**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 207(4), l-ewwel subparagrafu, flimkien mal-Artikolu 218(9) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

(1) Il-Ftehim Ewro-Mediterranju li jistabbilixxi assoċjazzjoni bejn il-Komunitajiet Ewropej u l-Istati Membri tagħhom, mill-parti l-waħda, u l-Istat ta' Iżrael, mill-parti l-oħra [1] (il-"Ftehim") ġie konkluż mill-Unjoni permezz tad-Deċiżjoni 2000/384/KE, KEFA tal-Kunsill u tal-Kummissjoni [2] u daħal fis-seħħ fl-1 ta' Ġunju 2000. Il-Ftehim jinkludi l-Protokoll 4 li jikkonċerna d-definizzjoni tal-kunċett ta' "prodotti oriġinarji" u metodi ta' kooperazzjoni amministrattiva (il-"Protokoll").

(2) Skont l-Artikolu 39 tal-Protokoll 4, il-Kunsill ta' Assoċjazzjoni stabbilit skont l-Artikolu 67 tal-Ftehim (il-"Kunsill ta' Assoċjazzjoni") jista' jiddeċiedi li jemenda d-dispożizzjonijiet tal-Protokoll 4.

(3) Fil-laqgħa li jmiss tiegħu jew permezz ta' skambju ta' ittri, il-Kunsill ta' Assoċjazzjoni għandu jadotta deċiżjoni li temenda il-Ftehim billi tissostitwixxi l-Protokoll 4.

(4) Ikun xieraq li tiġi stabbilita l-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni fi ħdan il-Kunsill ta' Assoċjazzjoni, billi d-deċiżjoni tal-Kunsill ta' Assoċjazzjoni ser ikollha effetti legali.

(5) Il-Konvenzjoni reġjonali dwar ir-regoli preferenzjali tal-oriġini pan-Ewro-Mediterranji [3] ("il-Konvenzjoni") ġiet konkluża mill-Unjoni permezz tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2013/94/UE [4] u daħlet fis-seħħ fir-rigward tal-Unjoni fl-1 ta' Mejju 2012. L-Istat ta' Iżrael ("l-Iżrael") huwa wkoll Parti Kontraenti għall-Konvenzjoni.

(6) Il-Konvenzjoni tistabbilixxi dispożizzjonijiet dwar l-oriġini tal-oġġetti nnegozjati skont Ftehimiet rilevanti konklużi bejn il-Partijiet Kontraenti għall-Konvenzjoni. Il-Konvenzjoni tapplika mingħajr preġudizzju għall-prinċipji stabbiliti f'dawk il-ftehimiet rilevanti.

(7) L-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni jipprevedi li kull Parti Kontraenti għandha tieħu l-miżuri xierqa biex tiżgura l-applikazzjoni effettiva tal-Konvenzjoni. Għal dak l-għan, jenħtieġ li l-Kunsill ta' Assoċjazzjoni jadotta deċiżjoni li tintroduċi referenza dinamika għall-Konvenzjoni fil-Protokoll 4, sabiex dejjem issir referenza għall-aħħar verżjoni tal-Konvenzjoni fis-seħħ.

(8) Permezz tad-Deċiżjoni (UE) 2019/2198 [5], il-Kunsill appoġġa emendi għall-Konvenzjoni li jipprevedu sett ġdid ta' regoli tal-oriġini modernizzati u aktar laxki (l-"emendi għall-Konvenzjoni"). L-emendi għall-Konvenzjoni ser jidħlu fis-seħħ fl-1 ta' Jannar 2025. L-Unjoni u l-Iżrael urew ir-rieda tagħhom li japplikaw dak is-sett ġdid ta' regoli b'mod bilaterali malajr kemm jista' jkun, fuq bażi alternattiva flimkien mar-regoli attwali sakemm jidħlu fis-seħħ l-emendi għall-Konvenzjoni.

(9) Fil-laqgħa teknika li saret fi Brussell fil-5 ta' Frar 2020, il-maġġoranza tal-Partijiet Kontraenti għall-Konvenzjoni qablu li jimplimentaw, fuq bażi bilaterali, tranżitorja sett alternattiv ta' regoli tal-oriġini abbażi tal-emendi għall-Konvenzjoni ("ir-regoli tranżitorji"). Ir-regoli tranżitorji japplikaw b'mod parallel mar-regoli tal-Konvenzjoni, sakemm jidħlu fis-seħħ l-emendi għall-Konvenzjoni.

(1) ĠU L 147, 21.6.2000, p. 3.
(2) Id-Deċiżjoni 2000/384/KE, KEFA tal-Kunsill u tal-Kummissjoni tad-19 ta' April 2000 dwar il-konklużjoni ta' Ftehim Ewro-Mediterranju li jistabbilixxi assoċjazzjoni bejn il-Komunitajiet Ewropej u l-Istati Membri tagħhom, fuq naħa waħda, u l-Istat ta' Iżrael, fuq in-naħa l-oħra (ĠU L 147, 21.6.2000, p. 1).
(3) ĠU L 54, 26.2.2013, p. 4.
(4) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2013/94/UE tas-26 ta' Marzu 2012 dwar il-konklużjoni tal-Konvenzjoni Reġjonali dwar ir-regoli preferenzjali tal-oriġini pan-Ewro-Mediterranji (ĠU L 54, 26.2.2013, p. 3).
(5) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2019/2198 tal-25 ta' Novembru 2019 dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fi ħdan il-Kumitat Konġunt imwaqqaf mill-Konvenzjoni Reġjonali dwar ir-regoli tal-oriġini preferenzjali pan-Ewro-Mediterranji fir-rigward tal-emendar tal-Konvenzjoni (ĠU L 339, 30.12.2019, p. 1).

(10) L-applikazzjoni tar-regoli tranżitorji tiżgura l-adattament tal-flussi kummerċjali u l-prattiki doganali sakemm jidħlu fis-seħħ l-emendi għall-Konvenzjoni.

(11) Mill-1 ta' Settembru 2021, daħlu fis-seħħ għadd ta' protokolli bilaterali dwar ir-regoli tal-oriġini fost il-Partijiet Kontraenti għall-Konvenzjoni [6] lijrendu r-regoli tranżitorji applikabbli sakemm jidħlu fis-seħħ l-emendi għall-Konvenzjoni.

(12) Fil-bidu tal-2021, l-Unjoni bagħtet proposta dwar ir-regoli tranżitorji lill-Iżrael. Fil-11-il laqgħa tas-Sottokumitat għall-Kooperazzjoni Doganali u t-Tassazzjoni li saret fi Brussell fit-12 ta' Jannar 2023,l- Iżrael informa lill-Unjoni li r-regoli tranżitorji jistgħu jkunu aċċettabbli dment li tiġi żgurata sistema ta' "permeabbiltà". Fid-dawl tal-proposta ta' Iżrael il-proposta inizjali tal-Unjoni ma baqgħetx rilevanti. Għalhekk jenħtieġ li l-Unjoni tiddetermina pożizzjoni li għandha tittieħed fi ħdan il-Kunsill ta' Assoċjazzjoni fir-rigward tar-regoli tranżitorji.

(13) L-objettiv tar-regoli tranżitorji huwa li jiġu introdotti regoli inqas stretti, li jagħmluha aktar faċli għall-prodotti biex jikkwalifika għal status oriġinarju preferenzjali. Peress li r-regoli tranżitorji huma b'mod ġenerali inqas stretti minn dawk tal-Konvenzjoni, l-oġġetti li jissodisfaw ir-regoli tal-oriġini tal-Konvenzjoni jistgħu jikkwalifikaw ukoll bħala li joriġinaw skont ir-regoli tranżitorji, bl-eċċezzjoni ta' xi prodotti agrikoli kklassifikati skont il-Kapitoli 2, 4 sa 15 u 16 (ħlief għall-prodotti tas-sajd ipproċessati) u l-Kapitoli 17 sa 24 tan-nomenklatura skont il-verżjoni tal-2022 tas-Sistema Armonizzata rregolata mill-Konvenzjoni Internazzjonali dwar is-Sistema Armonizzata għad-Deskrizzjoni u l-Kodifikazzjoni tal-Merkanzija [7], kif emendata.

(14) Ir-regoli tranżitorji huma applikabbli b'mod parallel mar-regoli tal-oriġini tal-Konvenzjoni u b'hekk joħolqu żewġ żoni distintivi ta' akkumulazzjoni. Għalhekk jenħtieġ li tiġi introdotta dispożizzjoni dwar l-applikazzjoni ġenerali tal-permeabbiltà bejn il-Konvenzjoni u r-regoli transitorji fil-Protokoll 4.

(15) Għaldaqstant jenħtieġ li l-pożizzjoni tal-Unjoni fi ħdan il-Kunsill ta' Assoċjazzjoni tkun ibbażata fuq l-abbozz tad-Deċiżjoni mehmuż.

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

Il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni fi ħdan il-Kunsill ta' Assoċjazzjoni stabbilit mill-Ftehim Ewro-Mediterranju li jistabbilixxi Assoċjazzjoni bejn il-Komunitajiet Ewropej u l-Istati Membri tagħhom, minn naħa waħda, u l-Istat ta' Iżrael, min-naħa l-oħra, fir-rigward tal-emenda ta' dak il-Ftehim billi jiġi sostitwit il-Protokoll 4 dwar id-definizzjoni tal-kunċett ta' "prodotti oriġinarji" u l-metodi ta' kooperazzjoni amminrattiva, għandha tkun ibbażata fuq l-abbozz tad-Deċiżjoni tal-Kunsill ta' Assoċjazzjoni mehmuż ma' din id-Deċiżjoni.

*Artikolu 2*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha u għandha tiskadi fil-31 ta' Diċembru 2025.

Magħmul fi Brussell, it-28 ta' Novembru 2024.

*Għall-Kunsill*

*Il-President*

NAGY M.

---

[6] L-Unjoni, l-Iżlanda, l-Iżvizzera (inkluż il-Liechtenstein), in-Norveġja, il-Gżejjer Faeroe, Iżrael, il-Ġordan, il-Palestina (din id-deżinjazzjoni ma għandhiex tiġi interpretata bħala rikonoxximent ta' Stat tal-Palestina u hija mingħajr preġudizzju għall-pożizzjonijiet individwali tal-Istati Membri fuq din il-kwistjoni), l-Albanija, il-Bożnija-Ħerzegovina, il-Kosovo (din id-deżinjazzjoni hija mingħajr preġudizzju għall-pożizzjonijiet dwar l-istatus, u hija konformi mal-UNSCR 1244/1999 u l-Opinjoni tal-QIĠ dwar id-dikjarazzjoni tal-indipendenza tal-Kosovo), il-Maċedonja ta' Fuq, is-Serbja, il-Montenegro, il-Georgia, ir-Repubblika tal-Moldova u l-Ukrajna.

[7] ĠU L 198, 20.7.1987, p. 3.